**28 ta' Frar, 1958**

**Imħallfin:—**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D., A/President;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Onor. Joseph Ellul Mercer ne.

*versus*

Carmela Grima et.

**Lokazzjoni — Rekwiżizzjoni — Board tal-Kera.**

*Meta fond ikun rekwiżizzjonat u l-kera xieraq tiegħu jiġi stabbilit mill-Board tal-Kera, il-kera hekk fissat għandu jibda jgħodd minn meta l-fond ikun ġie validament rekwiżizzjonat, u mhux mid-data li fiha l-Gvern ikun ħa l-pussess materjali tal-fond.*

*Għaldaqstant, jekk qabel kien hemm rekwiżizzjoni, u wara nħarġet oħra għax l-ewwel waħda ma kienetx valida, il-kera xieraq stabbilit mill-Board jibda jgħodd mid-data tat-tieni rekwiżizzjoni, u ma jistgħax jorbot retroattivament minn qabel ir-rekwiżizzjoni l-valida; għax qabel dik ir-rekwiżizzjoni valida l-pussess tal-fond da parti tal-awtorità rekwiżizzjonanti kien bla titolu validu.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, li bih ir-rikorrent talab li l-Board jiffissa l-kera xieraq tal-fond numru 5 Pawla Square, f'Raħal Ġdid, taħt idejn ir-rikorrent b'titolu ta' rekwiżizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tas-16 ta' Ottubru 1957, li biha ġie ffissat il-kera ta' £147 fis-sena mill-ġurnata li fiha r-rikorrent nomine ħa pussess tal-fond, u bit-tliet xhur bil-quddiem, riparazzjonijiet interni u ordinarji għall-inkwilin; u ġie ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mingħajr taxxa;

Rat ir-rikors tal-intimati konvenuti, li appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu r-riforma tagħha fis-sens li jiġi dikjarat u deċiż li l-kera xieraq hemm iffissat għandu jiddekorri mill-25 ta' Frar 1957, id-data tat-tieni rekwiżizzjoni, u mhux mid-data tal-pussess materjali tal-fond in kwistjoni, u konsegwentement l-istess sentenza tibqa' ferma fil-kapi l-oħra deċiżi; bl-ispejjeż kontra l-appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-trattazzjoni orali deher inkontestat li, in segwitu għal riljev li l-appellanti kienu għamlu fir-rikors tagħhom tal-4 ta' Jannar 1957 (dok. fol. 3), rigwardanti l-validità tar-rekwiżizzjoni msemmija fir-rikors tal-appellat, il-Gvern kien ħareġ rekwiżizzjoni ġdida fuq l-istess fond fil-25 ta' Frar 1957. Dan jikkonferma l-pretensjoni tal-appellanti li l-Gvern stess irrikonoxxa l-invalidità tal-ewwel rekwiżizzjoni; u fil-fatti, fit-trattazzjoni orali tal-kawża l-appellat ma kkontestax dik il-pretensjoni. Għaldaqstant huwa ċar li l-kera fissat mill-Board ma jistax jorbot retroattivament minn qabel ir-rekwiżizzjoni valida, għax qabilha l-pussess tal-fond da parti tal-Gvern kien bla titolu validu;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, fis-sens li tiddeċidi li l-kera xieraq iffissat b'dik is-sentenza jibda mill-25 ta' Frar 1957; u tordna li l-ispejjeż tal-appell jitħallsu mill-appellat nomine.